IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.9.2015
COM(2015) 460 final

2015/0218 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tuneżija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet tal-proposta u għanijiet tagħha**

Il-qafas attwali għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija ("it-Tuneżija") huwa pprovdut bil-Ftehim Ewromediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni ("il-Ftehim"), iffirmat fl-1995. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1998 u stabbilixxa s-sisien għat-twaqqif ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles, inkluż liberalizzazzjoni progressiva dwar l-agrikoltura. It-Tuneżija u l-UE waslu biex jibdew in-negozjati biex jistabbilixxu Ftehim ta' Kummerċ Ħieles fil-Fond u Komprensiv (DCFTA) li b'mod speċjali se jipprevedi aktar liberalizzazzjoni ta' kummerċ fl-agrikoltura.

L-attakk terroristiku tas-26 ta' Ġunju 2015 f'Sousse wassal għal reazzjoni mill-UE dwar il-ħtieġa li tgħin lit-Tuneżija fit-tranżizzjoni politika u ekonomika tagħha, b'mod konkret u immirat, permezz ta' azzjonijiet li jistgħu jkunu effettivi fuq medda qasira ta' żmien.

Fl-20 ta' Lulju 2015 il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin iddiskuta s-sitwazzjoni fit-Tuneżija u miżuri konkreti li l-UE tista' tieħu biex tagħtiha appoġġ. Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet dwar it-Tuneżija[1] filwaqt li spjega l-azzjonijiet li jridu jittieħdu b'appoġġ tat-tranżizzjoni politika u ekonomika tat-Tuneżija.

Fuq dan l-isfond il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li toffri kwota tariffarja temporanja u unilaterali mingħajr dazju ta' 35 000 tunnellata fis-sena għall-esportazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa tat-Tuneżija lejn l-Unjoni, taħt forma ta' miżura kummerċjali awtonoma. Din il-kwota se tkun għal perjodu ta' sentejn, mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2017. Dan il-volum addizzjonali jinfetaħ ġaladarba tiġi eżawrita l-kwota tariffarja attwali mingħajr dazju ta' 56 700 tunnellata, minquxa fil-Ftehim.

Iż-żejt taż-żebbuġa huwa l-esportazzjoni agrikola ewlenija tat-Tuneżija lejn l-UE, u l-industrija taż-żejt taż-żebbuġa hija parti importanti tal-ekonomija tal-pajjiż, billi tipprovdi impjieg dirett u indirett lil aktar minn miljun persuna u tirrappreżenta għoxrin fil-mija tal-impjieg kollu fl-agrikoltura tal-pajjiż.

Ta' min jinnota li l-konċessjoni ma għandhiex tippreġudika r-riżultat tan-negozjati agrikoli fil-qafas tad-DCFTA li għandhom jibdew f'Ottubru 2015.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-inizjattiva taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(e) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri jistgħu jwasslu għal żieda netta modesta fuq l-importazzjonijiet peress li l-biċċa l-kbira taż-żieda fil-kwota probabbilment se tissostitwixxi l-kummerċ fl-ipproċessar intern attwali (madwar 50 000 tunnellata ta' żejt taż-żebbuġa fis-sena taħt ir-reġim tal-Ipproċessar Intern), li jwassal għal tnaqqis tal-importazzjonijiet taħt dan ir-reġim. L-implikazzjonijiet baġitarji (tal-ġbir tad-dazju) ma jistax jiġi kkwantifikat preċiżament fil-preżent, iżda jitqies bħala insinifikanti.

[1] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija - Dokument numru 11076/15

2015/0218 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tuneżija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewromediterranju[2] jikkostitwixxi l-bażi tar-relazzjoni bejn l-Unjoni u t-Tuneżija.

(2) Wara l-attakk terroristiku tas-26 ta' Ġunju 2015 f'Sousse, fit-Tuneżija, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Lulju 2015, iddikjara li l-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri tagħha, għandha tesplora l-possibbiltà li jittieħdu miżuri eċċezzjonali sabiex jappoġġaw l-ekonomija Tuneżina.

(3) Iż-żejt taż-żebbuġa huwa l-prodott agrikolu ewlieni tat-Tuneżija ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni u l-industrija taż-żejt taż-żebbuġa hija parti importanti tal-ekonomija tal-pajjiż.

(4) L-aħjar mod biex l-Unjoni tappoġġa l-ekonomija tat-Tuneżija, b'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u fil-Ftehim Ewromediterranju, huwa billi tipprovdi suq attraenti u affidabbli għall-esportazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa tat-Tuneżija. Dan jeħtieġ miżuri kummerċjali awtonomi li jippermettu l-importazzjoni ta' dan il-prodott fl-Unjoni, fuq il-bażi ta' kwoti tariffarji mingħajr dazju.

(5) Sabiex jipprevjenu l-frodi, il-miżuri kummerċjali awtonomi previsti għandhom ikunu suġġett għall-konformità mit-Tuneżija mar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri marbuta magħhom, kif ukoll għall-kooperazzjoni amministrattiva effettiva tat-Tuneżija mal-Unjoni.

(6) Il-preservazzjoni tal-istabbiltà tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa fl-Unjoni teħtieġ li l-volum addizzjonali ġġenerat permezz tal-miżuri kummerċjali awtonomi jsir disponibbli biss wara li jispiċċa l-volum taż-żejt taż-żebbuġa mingħajr dazju tal-kwota tar-rata tariffarja annwali stipulata fl-Artikolu 3(1) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim Ewromediterranju.

[2] Ftehim Ewromediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra (ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2).

(7) L-Artikolu 184 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jistabbilixxi r-regoli dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji. Dawk ir-regoli għandhom japplikaw ukoll għall-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament.

(8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rispett tal-kundizzjonijiet li għalihom l-arranġamenti preferenzjali previsti huma soġġetti. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati bl-għajnuna tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, u skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

(9) Il-miżuri kummerċjali awtonomi speċifiċi stabbiliti minn dan ir-Regolament huma maħsuba biex itaffu s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli, li qiegħda tiffaċċja bħalissa t-Tuneżija, minħabba l-attakki terroristiċi. Għalhekk dawk il-miżuri għandhom ikunu limitati fiż-żmien u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għan-negozjati bejn l-Unjoni u t-Tuneżija dwar it-twaqqif ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles fil-Fond u Komprensiv (DCFTA), li għandhom jibdew f'Ottubru tal-2015. Jekk ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq jew il-progress fin-negozjati dwar id-DCFTA, jista' jkun li jiġi kkunsidrat li jittawwal il-perjodu tal-applikazzjoni.

(10) Minħabba l-ħsara kbira li saret lill-ekonomija tat-Tuneżija, u b'mod partikolari lis-settur tat-turiżmu tagħha, bl-attakk terroristiku f'Sousse fis-26 ta' Ġunju 2015, u minħabba l-ħtieġa li jittieħdu miżuri biex tittaffa s-sitwazzjoni ekonomika tat-Tuneżija fi żmien qasir, tqies li jkun xieraq li tingħata eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Arranġamenti preferenzjali

Hija miftuħa kwota tariffarja mingħajr dazju annwali ta' 35 000 tunnellata għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żejt verġni taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija u li huwa kklassifikat fil-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet għad-dritt ta' kwota tariffarja fuq l-importazzjoni

Id-dritt tal-benefiċċju tal-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu jkun suġġett għall-konformità tat-Tuneżija mar-regoli li jikkonċernaw

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri marbuta magħhom, stipulati fil-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim Ewromediterranju.

Artikolu 3

Aċċess għall-kwoti tariffarji annwali

Il-kwota tariffarja annwali msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandha tkun disponibbli biss wara li jispiċċa l-volum tal-kwota tariffarja mingħajr dazju annwali taż-żejt taż-żebbuġa stipulata fl-Artikolu 3(1) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim Ewromediterranju.

Artikolu 4

Amministrazzjoni tal-kwota

Il-Kummissjoni għandha tamministra l-kwota tariffarja skont l-Artikolu 184 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 5

Sospensjoni temporanja

Jekk il-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed evidenza li t-Tuneżija tkun naqqset milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, din tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali previsti fl-Artikolu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2).

Artikolu 6

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, stabbilit bl-Artikolu 229 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Il-President*	*Għall-Kunsill* *Il-President*